Premju
**Soċjetà Ġusta**
2025

# Gwida għan-Nominazzjoni

## *Premju Soċjetà Ġusta 2025*

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT

inklużjoni

Premju
**Soċjetà Ġusta**
2025

**Sett ta' Linji Gwida b'informazzjoni u kundizzjonijiet**

Il-Bord ta' Evalwazzjoni għall-Premju Soċjetà Ġusta 2025 se jkun qed jilqa' n-nominazzjonijiet għal dan il-Premju skont ir-regolamenti provduti f'dan is-sett ta' linji gwida.

Il-formola għandha tkun sottomessa lill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat permezz ta' wieħed minn dawn il-mezzi:

- Formola online li hija aċċessibbli billi tagħfas fuq din il-link: **Agħfas hawn**
- Formola li tinsab disponibbli fuq is-sit tal-Ministeru **www.inkluzjoni.gov.mt** u tintbgħat permezz ta' email fuq **skemi.miv@gov.mt**
- Formola li tinsab disponibbli fuq is-sit tal-Ministeru **www.inkluzjoni.gov.mt** u tkun sottomessa fl-Uffiċċju tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat li jinsab fi 89, Palazzo Francesco, Triq Sir Ugo Mifsud, Lija. 11

L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar **il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru 2025** f'nofsinhar. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data tal-għeluq ma jiġux kunsidrati.

F'każ ta' xi diffikulta wieħed jista' jikkuntattjana fuq **skemi.miv@gov.mt**.

## 1. Kunċett tal-Premju

Il-Premju Soċjetà Ġusta huwa ċelebrazzjoni tal-ħidma, l-impenn u d-dedikazzjoni ta' diversi individwi fis-settur tad-diżabilità.

## 2. Għan

L-għan ta' dan il-premju huwa li jiġu ċċelebrati l-kisbiet ta' individwi u organizzazzjonijiet li jappoġġjaw kultura t'iżjed Drittijiet għall-Persuni b'Diżabilità. Id-dmir tal-Gvern huwa li jesprimi l-apprezzament tiegħu lil kulmin qiegħed jaħdem għal soċjetà iżjed inklussiva, fejn persuni b'diżabilità u dawk qrib tagħhom, bħall-familjari u assistenti tagħhom, ikunu jistgħu jesperjenzaw atteġġjamenti iżjed miftuħa, aċċessibilità, u kundizzjonijiet li jinkoraġġixxu l-għixien indipendenti u fil-komunità. Il-prinċipju li se jigwida l-għażliet għal dan il-premju huwa li jkollna soċjetà aktar ġusta fejn il-persuni b'diżabilità jieħdu sehem attiv fil-komunità.

## 3. Kategoriji tal-Premjijiet

### *A. Premju lill-għaqda volontarja għal Ħidma għat-Tisħiħ tal-Inklużjoni*

Dan il-Premju jirrikonnoxxi lil dawk l-għaqdiet volontarji li permezz tal-ħidma tagħhom xprunaw soċjetà aktar inklussiva.

### *B. Premju għal Kisba tul il-Ħajja fis-Settur tad-Diżabilità*

Dan il-premju jirrikonoxxi individwu li bi sforz eċċezzjonali u kisba matul perjodu sinifikanti, ħalla marka pożittiva fuq is-settur.

### *Ċ. Premju Soċjetà Ġusta*

Dan il-Premju jirrikonoxxi individwu b'diżabilità li juri kwalitajiet li permezz tagħhom għamel jew għamlet differenza kbira u pożittiva f'dan is-settur.

## 4. Kriterji ta' Eliġibbiltà

- F'kull kategorija tal-Premju, l-ebda individwu jew organizzazzjoni ma tista' tkun nominata u ssekondata minnha nnifsha
- Kull nominazzjoni trid tkun preżentata fil-ħin. Nominazzjonijiet li jaslu tard mhux ser ikunu kkunsidrati
- Impjegati mħallsin ma jistgħux jinnominaw l-organizzazzjoni tagħhom u l-membri tal-familja
- Ma tistax tiġi nominata persuna minn membru tal-familja tiegħu/tagħha
- Id-deċiżjoni finali ta' min jirċievi l-premjijiet hija prerogattiva tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-Bord jista' jitlob sabiex jiltaqa' mal-persuni nominati
- Kull dettall personali ppreżentat lill-Bord ser ikun trattat b'kunfidenzjalità
- Nominazzjonijiet għal iżjed minn kategorija waħda għandhom jimtlew fuq formoli separati
- In-nominazzjonijiet għall-Premju għandhom isiru fuq il-formola provduta u jkunu kkonfermati minn mhux inqas minn żewġ (2) persuni li ma jkunux jiġu mill-persuna nominata jew li ma jkunux membri jew impjegati tal-organizzazzjoni nominata, skont il-każ.

## 5. Kriterji ta' Evalwazzjoni

- Relevanza tan-nominazzjoni għall-kategorija tal-premju
- Eżempju ċar ta' impatt pożittiv li tħalla fuq il-persuni b'diżabilità u fuq is-settur
- L-individwi u organizzazzjonijiet nominati jridu juru impenn lejn il-liġijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità sabiex jinkoraġġixxu parteċipazzjoni sħiħa fil-ħajja ekonomika, ċivika u soċjali ta' pajjiżna.

Premju
**Soċjetà Ġusta**
2025

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT

inklużjoni